**QORTI CIVILI PRIM'AWLA**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 16 ta' Gunju, 2021**

**Mandat Nru: 719/2021/1 AF**

**Alberta Mangion u Joan *sive* Jane Mangion**

**vs**

**Dr. Jan Chircop**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' Alberta Mangion u Joan *sive* Jane Mangion.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat ir-risposta ta' Dr. Jan Chircop.

Rat id-dokumenti annessi.

Semghet lid-difensuri.

Ikkunsidrat illi permezz ta' dan ir-rikors, ir-rikorrenti ahwa Mangion qeghdin jitolbu lill-Qorti zzomm lil Dr. Jan Chircop milli b'xi mod jagixxi ta' sid tal-gid imholli lilu minn huhom Mario Mangion li, f'testment datat is-7 ta' Ottubru 2020 istitwixxa lill-istess Tabib Chircop bhala eredi universali tieghu.

L-Art. 873 tal-Kap. 12 jipprovdi testwalment illi:

*(1) L-iskop tal-mandat ta' inibizzjoni hu dak li jżomm persuna milli tagħmel kwalunkwe ħaġa li tkun li tista' tkun ta' preġudizzju għall-persuna li qed titlob il-mandat.*

*(2) Il-qorti m'għandhiex toħroġ tali mandat jekk ma tkunx sodisfatta li dak il-mandat huwa meħtieġ sabiex jitħarsu l-jeddijiet tar-rikorrent, u li dak ir-rikorrent prima facie jidher li għandu dawk il-jeddijiet.*

Il-gurisprudenza ta' dawn il-Qrati fil-kuntest hija cara u assodata fis-sens illi r-rikorrenti jehtieglu jipprova kemm il-jedd *prima facie* li jsostni li jgawdi kif ukoll il-pregudizzju li jigi rekat lilu kemm il-darba l-intimat ma jinzammx milli jaghmel dawk l-atti msemmija.

Fil-kaz in ezami r-rikorrenti naqsu li jissodisfaw dan l-ewwel rekwizit li timponi fuqhom il-ligi. Jistriehu biss fuq l-allegazzjonijiet kif dedotti fil-kawza mibdija fejn qed jitolbu li t-testment jigi ddikjarat null. Ma ressqu ebda prova li twassal lill-Qorti ghall-fehma li mqar mad-daqqa t'ghajn huma jgawdu xi jedd fil-konfront ta' Dr. Chircop. Anzi, li jirrizulta lil din il-Qorti huwa testment korrettement redatt minn Nutar Pubbliku skond id-dettami tal-ligi. Ma ngabet lill-Qorti ebda hjiel ta' prova, lanqas mad-daqqa t'ghajn, li gie ezercitat xi qerq fuq il-defunt, kif lanqas ma jidher li d-defunt kien b'xi mod soggett ghal xi pressjoni, biza jew abbuz morali kif isostnu r-rikorrenti.

Fid-dawl ta' dan, il-Qorti ma tqisx mehtiega indagini ulterjuri dwar il-pregudizzju.

F'dawn ic-cirkostanzi, ghalhekk il-Qorti tqis li r-rekwiziti kumulattivi tal-ligi ma gewx sodisfatti sal-grad rikjest.

Ghaldaqstant il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tirrevoka *contrario imperio* d-digriet taghha tal-14 ta' Mejju 2021 u tichad it-talba tar-rikorrenti.

L-ispejjez jithallsu mir-rikorrenti.

IMHALLEF